**2 ta' Marzu, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo LL.D.**

John Zammit magħruf bħala John Edward Zammit Pace

*versus*

Direttur tar-Reġistru Pubbliku

**Att tat-Twelid – Annotazzjoni – Skop tar-Reġistru Pubbliku**

*Bl-annotazzjoni fl-Att tat-Twelid tiegħu mitluba mill-attur, l-istess Att tat-Twelid mhux se jiġi korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretenzjoni li għandhom terzi persuni żgur se jkunu mħarsin.*

*Dan hu fil-fatt wieħed mill-iskopijiet prinċipali li jservi għalih ir-Reġistru Pubbliku, u ċjoè li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattaw ma' ċertu individwu jkunu f'posizzjoni li jagħmlu riċerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista' jkun komplet.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta' Ġunju, 1991 li tgħid hekk:-

"Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

1. Billi l-attur twieled fit-tletin ta' Lulju, elf disa' mija u tlieta u ħamsin (1953) u t-twelid tiegħu ġie rreġistrat b'att numru sitt elef tliet mija u ħamsin ta' l-elf disa' mija u tlieta u ħamsin (6350/53);

2. Billi fl-istess att l-isem li bih għandu jissejjaħ ġie indikat bħala John, mentri fil-fatt huwa dejjem ġie msejjaħ bħala John Edward;

3. Billi l-kunjom tiegħu skond l-istess att huwa 'Zammit' mentri fil-fatt hu magħruf bħala 'Zammit Pace';

4. Billi hu jixtieq li jsiru l-korezzjonijiet opportuni fl-att tat-twelid tiegħu fuq imsemmi;

Talab għar-raġunijiet fuq imsemmija (1) li jiġi ordnat minn din il-Qorti l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tiegħu numru 6350/53 billi fil-kolonna 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa flok il-kelma 'John ' titniżżel il-kelma 'John Edward'; (2) li tiġi ordnata minn din il-Qorti l-annotazzjoni fil-marġini tal-att ta' t-twelid li tgħid li l-attur hu magħruf ukoll bil-kunjom 'Zammit Pace'. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur, il-lista tax-xhieda tiegħu u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat l-opportuna pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern numru 15, 179 tal-15 ta' Settembru, 1989, permezz ta' l-Avviż numru 551;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku li fiha huwa eċċepixxa;

(1) Illi biex tintlaqa' l-ewwel talba attriċi, din it-talba għandha tinkludi talba oħra skond dak li hemm inċiż fl-artikolu 253(3) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), biex l-istess bdil mitlub fl-imsemmija talba attriċi jiġi rifless ukoll f'kull att ta' l-istat Ċivili

relattiv għall-attur, u jekk l-istess attur għandu xi wlied jew dixxendenti ulterjuri, l-istess korrezzjoni mitluba għandha tiġi riflessa wkoll fl-atti ta' l-istat ċivili relattivi għal ulied jew dixxendenti, *inoltre dawn l-atti għandhom jiġu ndikati bin-*numru u s-sena relattiva tagħhom;

(2) Illi l-kunjom ta' persuna ma jidhirx fl-att tat-twelid tiegħu, jidher biss l-isem kunjom tal-ġenituri (sic) ma jirriżultax mill- premessi taċ-ċitazzjoni li missier l-attur kien kunjomu *"Zammit Pace" u mhux Zammit u għalhekk it-tieni talba attriċi* ma tistax tiġi milqugħa;

(3) Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti allegati fiċ-ċitazzjoni u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet salv li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u jkunu sodisfanċenti skond il-liġi;

(4) Illi l-esponenti ma għandux ibati spejjeż;

(5) Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tad-difensuri tal-*kontendenti u l-ġurisprudenza minnhom ċitata u esebita*;

Semgħet lix-xhieda prodotti u lill-istess difensuri;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

*Ikkonsidrat:*

Illi permezz taċ-ċitazzjoni minnu ppresentata, l-attur talab li fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu jsiru żewġ korrezzjonijiet, waħda li isem li bih it-tarbija kellha tiġi magħrufa jiġi korrett minn

"John" għal "John Edward" , u l-oħra li l-kunjom tiegħu għandu jiġi ndikat bħala "Zammit Pace" minflok "Zammit";

Illi in sostenn ta' l-ewwel talba tiegħu, l-attur oltre li offra x-xhieda tiegħu ressaq ukoll lil ommu u lil ħuh li t-tnejn ikkorroboraw id-dikjarazzjoni tiegħu; barra inn hekk, huwa esebixxa wkoll kopji ta' dokumenti rilaxxati mill-iskola li kien jiffrekwenta u mill-Kappillan ta' H'Attard fejn kien joqgħod, u anke korrispondenza li kollha juru li huwa magħruf bl-isem "John Edward";

Illi għalhekk il-Qorti hija sodisfatta li huwa kien konsistentement imsejjaħ bl-isem "John Edward";

Illi dwar it-tieni domanda li tirrigwarda l-kunjom tiegħu, is-sitwazzjoni hija differenti ; il-Qorti taqbel li huwa kien minn dejjem magħruf bil-kunjomijiet ta' missieru u ta' ommu flimkien; dan però ma jfissirx li, il-Qorti tista' tilqa' d-domanda tiegħu bbażata fuq xi żball skond l-artikolu 253 tal-Kapitolu 16, anke għaliex l-att tat-twelid ma fihx xi kolonna li tindika l-kunjom tat-tarbija – fih biss il-kunjomijiet tal-ġenituri, u dawn irriżulta li ġew korrettament indikati fl-istess ċertifikat;

Illi però, kif jidher minn-nota tal-osservazzjonijiet ta' l-attur u mill-korrezzjoni li ntalbet u ġiet awtorizzata fiċ-ċitazzjoni, huwa qed jitlob li jsir annotament fl-istess dokument li jindika li l-attur iġib il-kunjom ta' ommu flimkien ma' dak ta' missieru; fin-nota ta' l-osservazzjonijiet li ppreżenta l-konvenut ġie abiliment sottomess li l-annotament jew dikjarazzjoni li talvolta tordna l-Qorti, "trid tkun tinkwadra ruħha f'xi liġi"; fil-waqt li l-Qorti tifhem li dokument simili ma għandux jiġi mibdul jew miżjud faċilment, il-ftit ġurisprudenza dwar il-materja ma

tagħlaqx il-bieb għal xi annotament opportun; in fatti, fil-kawża "Mclean vs Cremona" (Vol. XXVII p.II pag.305) ġie ritenut li: "nulla osta, seconda le leggi regolanti gli atti di Stato Civile, che una annotazione nel margine di detti atti venga fatta ricordante, anche nell'interesse di terzi, il-fatto....";

Illi l-materja ġiet ukoll ikkonsiderata anki ftit snin ilu fil-kawża "Dr. Mario Rizzo Naudi vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku" fejn l-Onor Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha ta' l-20 ta' Jannar, 1986, għalkemm caħdet domanda simili in kwantu din kienet qed titlob korrezzjoni ta' att tat-twelid ( u bħal fil-kawża odjerna, ma ġie riskontrat ebda żball li kien jirrikjedi korrezzjoni), żdiet tgħid li: "kif inhuma l-affarijiet ma hemm xejn x'iżomm l-attur milli jekk irid jagħmel xi azzjoni oħra li talvolta tista' twassal għal xi annotazzjoni fl-att tat-twelid tiegħu";

Illi l-Qorti wara li eżaminat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, taqbel li għandu jsir annotament fil-marġini ta' l-att tat-twelid ta' l-attur li jindika li huwa jġib il-kunjom "Zammit Pace" u li dan ikun ukoll utili għall-aħjar identifikazzjoni tiegħu;

*Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda tiddeċidi din il-kawża* billi wara li tiddikjara li l-attur kien konsistentement magħruf bl-isem "John Edward" tilqa' l-ewwel domanda attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni, u tilqa' t-tieni domanda kif korretta billi todna li jiġi mdaħħal annotament fil-marġini taċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-attur numru 6350 tas-sena 1953, li jindika li huwa magħruf ukoll bil-kunjom "Zammit Pace";

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur";

Rat in-nota ta' l-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li biha interpona appell minn din is-sentenza għal quddiem dina l-Onorabli Qorti, pprezentata fit-28 ta' Gunju, 1991;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ipprezenta fil-15 ta' Lulju, 1991, fejn huwa talab li dina l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma d-deċiżjoni dwar l-ewwel talba attriċi iżda għandha tirrevoka u tikkanċella dik il-parti tas-sentenza għar-rigward tat-tieni talba attriċi;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat ipprezentata fil-31 ta' Lulju, 1991, fejn qal illi s-sentenza li minnha hemm appell hija ġusta, u timmerita konferma;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet il-partijiet tramite d-difensuri tagħhom;

Ikkunsidrat:-

Illi John Zammit kien dejjem magħruf bħala John Edward Zammit Pace, minkejja illi fl-att tat-twelid tiegħu, ismu huwa mniżżel sempliċement bħala John Zammit;

Bħalma jiġri f'ħafna każijiet oħra Malta, l-kunjom "*double barrel*" ġie peress li kunjom ommu qabel ma żżewġet kien Pace, u għalhekk hu u anke ħuħ f'ċertu sens biddlu kunjomhom minn dak ta' Zammit għal Zammit Pace;

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuq dan il-fatt, u ċjoè fuq il-fatt li hu kien dejjem magħruf bħala John Edward Zammit Pace;

Lanqas ma huwa kontesta li huwa jixtieq din il-bidla minħabba n-negozju tiegħu, jew aħjar il-professjoni tiegħu li huwa dak ta' kompożitur tal-mużika. Hekk xehed l-attur minn jeddu bil-ġurament, fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 1991:- "Jiena x-xogħol tiegħi huwa kompożitur tal-mużika. Jiena naħdem l-Ingilterra u pajjiżi oħra u dejjem naħdem bħala kompożitur. Jiena mnizzel fir-Reġistru ta' dawn il-pajjiżi bħala John Edward Zammit Pace. Jiena qiegħed f'diffikulta' inkwantu ismi lħaqt niżżiltlu bħala John Edward Zammit Pace, mentri d-dokumanti li jkolli nipproduċi huma ta' John Zammit. Huma jridu li jien inġib prova ta' l-identità tiegħi skond ma jiena mniżżel fir-Reġistru tagħhom";

Il-'bona fede' ta' l-attur hija għalhekk ampjament ippruvata, u, jekk huwa possibbli, din il-Qorti ma tarax li għandu jkun hemm raġuni għax din it-talba m'għandhiex tiġi milqugħa. Infatti hekk dehrilha l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn hija laqgħet iż-żewġ talbiet ta' l-attur, u ċjoè l-ewwel li ismu jiġi mibdul minn John għal John Edward, u t-tieni li għandu jkun hemm annotazzjoni fil-marġini ta' l-att tat-twelid li tgħid li l-attur hu **magħruf ukoll** bil-kunjom Zammit Pace;

Dwar l-ewwel talba ta' l-attur, stranament, ma hemm ebda kontestazzjoni legali mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Infatti mid-deċiżjoni tal-Prim'Awla fuq din l-ewwel talba, huwa m'appellax u, għalhekk, aċċetta li għandha ssir il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tiegħu numru 6350/53 billi fil-kolonna isem jew ismijiet fejn hemm isem it-tarbija, din titbiddel u t-tarbija, jew ċjoè llum, ir-raġel jibda jissejjaħ flok John, John Edward;

It-tieni talba, oriġinarjament, kienet ukoll titlob korrezzjoni fl-Att tat-Twelid, fis-sens li kunjom l-attur għandu jinbidel minn

Zammit għal Zammit Pace;

Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, ippreżentata fil-11 ta' Marzu, 1991, id-Direttur tar-Reġistru Publiku korrettament jgħid illi *ma tistax tintalab* korrezzjoni ta' kunjom l-attur fl-att tat-twelid tiegħu, peress li fl-att tat-twelid tiegħu, huwa kunjom il-missier li jitniżżel u mhux kunjom it-tarbija;

Kien probabilment għalhekk illi fil-21 ta' Ġunju, 1991, l-attur talab korrezzjoni fl-att taċ-ċitazzjoni f'din it-tieni domanda fis-sens illi talab il-Pim'Awla taċċetta l-korrezzjoni billi jitneħħew il-kliem "il-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid fuq imsemmi bil-mod li tgħid din il-Qorti fis-sens *li l-kunjom* ta' l-attur kien Zammit Pace flok Zammit", u minflokha jitpoġġew il-kliem, "l-annotazzjoni fil-marġini ukoll bil-kunjom Zammit Pace". Għal din it-talba d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma oġġezzjonax u fil-fatt ingħata digriet f'dan is-sens. Din il-korrezzjoni hija ferm importanti biex dak li qed jitlob l-attur jista' jiġi milqugħ, stante illi b'dan l-Att tat-Twelid tiegħu m'huwiex se jiġi korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretenzjoni li għandhom terzi persuni żgur se jkunu mħarsin;

Dan hu fil-fatt wieħed mill-iskopijiet prinċipali li jservi għalih ir-Reġistru Pubbliku, u ċjoè li jkun hemm mod kif terżi li jridu jikkontrattwaw ma ċertu individwu jkunu f'posizzjoni li jagħmlu riċerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista' jkun komplet, u kien propju minħabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru, 1930, Maclean ġià Abdilla vs Notario Salvatore Cemona, l-Qorti *ddeċidiet, anke* wara li laqgħet it-talba, li spejjeż ta' l-attur, kellu l-annotament jiġi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi żmien 15-il ġurnata;

Il-Qorti infatti qalet hekk :- "*Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un avviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decisione con referenza all'avviso già pubblicato*". Jirriżulta għalhekk anke minn din id-deċiżjoni li l-interess tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku huwa propju l-interess ta' dawn it-terżi u ċjoè tal-pubbliku. Meta dan l-interess ma jkunx qed jiġi lez, allura m'hemm ebda diffikultà li individwu jiġi akkomodat fit-talbiet tiegħu;

Fil-każ preżenti, il-pubbliku se jkun jaf li l-attur twieled bil-kunjom ta' Zammit, però dana dejjem issejjaħ Zammit Pace, u għalhekk, semmai, il-pubbliku se jkollu informazzjoni aktar fuq l-individwu kkonċernat u mhux anqas;

Fl-appell tiegħu, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jgħid li din il-Qorti m'għandhiex il-poter li tordna din l-annotazzjoni. Fil-fatt, fin-nota ta' l-osservazzjonijiet li huwa ppreżenta quddiem il-Prim'Awla, qal li l-Qorti ma kellhiex dritt tagħmel korrezzjonijiet ta' din in-natura. Hija għalhekk stramba ħafna li l-istess Direttur aċċetta li l-Qorti kellha dritt tordna l-ewwel korrezzjoni *għax fil-fatt talab li din il-parti tad-deċiżjoni tal-*Prim'Awla għandha tiġi kkonfermata;

Din il Qorti ma taqbilx li l-artikolu 742 sub-artikli (2) u (3) huma ntiżi biex il-Qorti ma jkollhiex ġurisdizzjoni fuq dawn l-affarijiet. Dan l-istess artikolu qiegħed jitkellem fuq l-awtorità *tal-Qorti li tissindika* attijiet governattivi ta' natura ferm differenti;

Lanqas m'għandha relevanza legali t-teżi l-oħra tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u ċjoè, li l-Qorti hija biss awtorizzata

tagħmel korrezzjonijiet simili f'każ ta' tifel illeġġittimu skond kif ipprovdut fl-artikolu 92 (2) tal-Kodiċi Ċivili. Għall- kuntrarju, dan l-istess artikolu jobbliga lill-Qorti fid-deċiżjoni tagħha, li tordna li jkun hemm l-annotazzjoni neċċessarja, u dana proprju fl-interess tal-pubbliku u t-terzi persuni fuq imsemmija. Ma jistax wieħed, minn dan il-provvediment, fejn il-Qorti qed tintalab mil-liġi biex tagħmel dina l-ordni, jiġbed argument li allura f-każijiet oħra l-Qorti ma tistax tordna dina l-annotazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan però li fl-interess tal-pubbliku ġenerali, tordna lill-istess attur, u spejjeż tiegħu, li fi żmien ħmistax (15) -il ġurnata millum iġib fil-Gazzetta tal-Gvern, indikazzjoni tal-deċiżjoni preżenti, f'liema avviż għandu wkoll jagħmel referenza għall-pubblikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Settembru, 1989;

Stante n-natura tal-każ, l-ispejjeż tal-Prim'Istanza għandhom jiġu ssopportati mill-attur, dawk ta' l-appell bla taxxa bejn il-partijiet.